MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 2/2004

**Carmel Cilia u Geronima Cilia**

**vs**

**Mario Bartolo u Rita Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf, tmien mija u ghaxar liri (LM 1,810) rapprezentanti in kwantu ghal elf hames mija u ghaxar liri imghax dovut skond zewg skritturi ta’ bejn il-partijiet datati 2 ta’ Dicembru 1999 u 6 ta’ Gunju 2002 u in kwantu ghall-kumplament pagament akkont tal-kapital skond l-istess skritturi;

Bl-imghax legali mis-17 ta’ Ottubru 2003 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenuti fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2004 permezz ta’ liema huma ammettew it-talba ta’ l-atturi.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba ta’ l-atturi fil-konfront taz-zewg konvenuti u konsegwentement qedgha tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, ihallsu lill-atturi is-somma mitluba ta’ elf, tmien mija u ghaxar liri (LM 1,810) bl-imghax legali b’effett mis-17 ta’ Ottubru, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------